

FI-Helsinki: L-operat tas-servizzi bl-ajru skedati**Sejħa għall-offerti (ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea 2007/C xxx/xx)**

(2007/C 206/06)

1. **Introduzzjoni:** Skond l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23.7.1992 dwar aċċess għat-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għal rotot ta' l-ajru intra-Komunitarji, il-Gvern Finlandiż (il-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjonijiet) iddeċieda li jimponi obbligu għas-servizz pubbliku fuq ir-rotot ta' Helsinki-Varkaus u/jew Helsinki-Savonlinna.

L-obbligu tas-servizz tat-trasport pubbliku ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (C 205 4.9.2007).

Jekk sa l-1.9.2007, l-ebda trasportatur bl-ajru ma jkun beda jopera jew ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jibda jopera s-servizzi skedati fuq ir-rotot Helsinki-Varkaus u/jew Helsinki-Savonlinna skond l-obbligi għas-servizz pubbliku mingħajr ma jirrikjedi kumpens finanzjarju, il-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjonijiet se jirrestrinġi l-aċċess għal dawn ir-rotot għal trasportatur wieħed għal mhux aktar minn tliet snin. Id-dritt li joperaw fuq dawk ir-rotot f'dak il-każ jinġhata abbażi ta' sejħa għall-offerti skond l-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament imsemmi hawn fuq. Il-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjonijiet (il-klijent) iddeċieda li jniedi s-sejħa għall-offerti fl-14.6.2007.

2. **Is-Suġġett tas-sejħa għall-offerti:** L-operat tas-servizzi ta' l-ajru skedati fir-rotot Helsinki-Varkaus u Helsinki-Savonlinna mill-1.12.2007 sat-30.9.2010, minbarra l-perjodi mill-4.7 sat-2.8.2008, mit-3.7 sal-1.8.2009 u mit-2.7.sal-31.7.2010.

3. **Il-parteciġazzjoni fil-proċedura ta' sejħa għall-offerti:** L-offerti jistgħu jressqu minn kwalunkwe trasportatur ta' l-ajru li jkollu liċenzja valida ta' l-operat fi ħdan it-tifsira tar-Regolament tla-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar il-liċenzjar ta' trasportaturi bl-ajru.

4. **Il-proċedura ta' ta' sejħa għall-offerti:** Il-proċedura tas-sejħa għall-offerti se titwettaq skond l-Artikolu 4(1)(d) sa (i) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992.

Il-klijent jista' jiċħad l-offerti kollha jekk il-prezz ikun għoli wisq jew jekk iċ-ċirkostanzi jew il-ħtiġijiet biex jiġi organizzat is-servizz jinbidlu b'mod sostanzjali, b'tali mod li jsir impossibbli li s-servizz ippjanat jiġi implimentat kif deskritt fis-sejħa għall-offerti.

Sakemm jiġi ffirmat kuntratt, il-klijent se jżomm id-dritt li jiddiferixxi d-data meta jibda s-servizz ippjanat. Jekk id-data tal-bidu tiġi diferita, id-data ta' meta jieqaf trid tinbidel b'mod korrispondenti.

5. **Id-dokumenti tas-sejħiet għall-offerti:** Sett sħiħ tad-dokumenti tas-sejħiet għall-offerti, li jinkludu s-sejħa għall-offerti, il-kundizzjonijiet tas-sejħa, il-kuntratt, deskrizzjoni ta' l-obbligu tas-servizz pubbliku u l-formoli tat-tender, jista' jinkiseb minn:

Liikenne- ja viestintäministeriö, Kirjaamo, PL (PO Box) 31, -00023 Valtioneuvosto, Helsinki.

Jista' jinkiseb ukoll billi tintbagħat email fuq l-indirizz li ġej: kirjaamo@mintc.fi jew bil-feks, fuq in-numru +358 9 160 28619.

6. **Il-kumpens finanzjarju:** L-offerti għandhom jispeċifikaw b'mod ċar, bil-EUR, l-ammont ta' kumpens li huwa meħtieġ għas-servizz fil-kwistjoni. Il-kumpens meħtieġ għandu jkun ibbażat fuq stima ta' l-ispejjeż u d-dħul attwali, waqt li jqis l-ħtiġijiet minimi imposti mill-obbligu tas-servizz pubbliku. Il-kumpens jista' jkopri biss is-servizzi u l-ispejjeż attwali li jsiru fl-ajruporti ta' Helsinki-Vantaa, Varkaus u Savonlinna fir-rigward ta' l-operat ta' dawn ir-rotot waħidhom. Il-kumpens mhux se jinkludi l-ispejjeż li saru fuq rotot jew fajruporti oħra.

Il-kumpens u l-ispejjeż kollha jridu jiġu speċifikati f'EUR.

7. **Il-prezzijiet tal-biljetti:** L-offerta għandha tispeċifika l-prezzijiet tal-biljetti u l-kundizzjonijiet tal-validità tagħhom kif ukoll it-tipi varji ta' biljetti fis-sistema tal-prezzijiet. Il-prezzijiet iridu jkunu konformi ma' l-obbligu tas-servizz pubbliku impost fuq din ir-rotta.

8. **Il-kriterji ta' l-għażla:** L-għażla se issir mill-offerti li jilhqg l-ħtiġijiet stipulati fis-sejħa għall-offerti u fid-dokumenti tas-sejħiet għall-offerti. L-għażla se tqis l-elementi msemmija fl-Artikolu 4(1)(f) sa (i) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92.

9. **Il-perjodu tal-validità tal-kuntratt:** Il-kuntratt se japplika mid-data li fiha jiġi konkluż sat-30.9.2010. Is-servizzi għandhom jibdeu fl-1.12.2007 u jspicċaw fit-30.9.2010.

Jekk il-klijent għandu jiddiferixxi id-data tal-bidu tas-servizzi, id-data ta' meta jispiċċaw is-servizzi u tal-kuntratt se jiġu wkoll diferiti b'mod korrispondenti.

10. **L-emenda jew it-tmiem tal-kuntratt:** Il-kuntratt jista' jiġi emendat biss jekk l-emendi ma jkunux se jwasslu għal sitwazzjoni li fiha l-ħtiġijiet taħt l-obbligu tas-servizz pubbliku ma jibqgħux jintlaħqu fuq din ir-rotta. L-emendi għal dan il-kuntratt għandhom isiru bil-kitba. Il-partijiet se jkollhom id-dritt li jwaqqfu l-kuntratt jekk ikun hemm bżonn li jsir dan skond it-termini tal-kuntratt.

11. **Il-penali f'każ li jkun hemm nuqqas ta' konformità mal-kuntratt:** It-trasportatur ta' l-ajru se jkun responsabbli biex jilħaq l-obbligi stipulati fil-kuntratt. Jekk it-trasportatur jonqos milli jilħaq l-obbligi jew jilħaqhom b'mod mhux adegwat, il-klijent jista' jnaqqas il-kumpens pagabbli.
12. **Id-data ta' l-għeluq għat-tressiq ta' l-offerti:** L-offerti għandhom jitressqu mhux aktar tard minn 31 ġurnata wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.
13. **It-tressiq ta' l-offerti:** L-offerti għandhom jaslu għand il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjonijiet sa 16.15 sa mhux aktar tard mid-data speċifikata f'punt 12. L-applikant għandu jimmarka fuq l-envelopp: "Tarjous: Varkauden ja/tai Savonlinnan lentoliikenne, 734/79/2007". (li tfisser: Offerta: servizzi ta' l-arju Varkaus u/jew Savolinna, referenza 734/79/2007) L-offerti jistgħu jintbagħtu bil-posta fuq l-indirizz mgħoti f'punt 5 jew jittieħed lill-Uffiċċju tar-Reġistratur fil-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjonijiet (Liikenne- ja Viestintäministeriö, Kirjaamo, Eteläesplanadi 16, Helsinki). L-Uffiċċju tar-Reġistratur huwa miftuħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa 08.00 - 16.15.
- Il-prezz ta' l-offerta jrid ikun speċifikat f'envelopp separat issiġġilat, li jkollu l-isem ta' min ikun qed jitfa' l-offerta.
- L-offerti jibqgħu validi sal-31.12.2007.
14. **Il-validità tas-sejħa għall-offerti:** Skond l-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92, il-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni għandu d-dritt li jissospendi l-proċedura tas-sejħa għall-offerti u/jew jirrifjuta l-offerti kollha jekk qabel l-1.09.2007, trasportatur bl-ajru minn Stat Membru ta' l-UE jinnotifika lill-Amministrazzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili Finlandiża li mill-1.12.2007 jixtieq jibda jopera s-servizzi skedati mingħajr ma jkollu dritt esklussiv u mingħajr ma jirċievi kumpens finanzjarju.
- Offerta tista' tintgħażel biss jekk il-baġit ta' l-istat ikun alloka biżżejjed fondi għall-proġett fil-kwistjoni u jekk il-federazzjoni tal-municipaltajiet tad-distrett ta' Savonlinna u l-belt ta' Varkaus jimpenjaw ruħhom li jiffinanzjawha.